**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur.**
**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 273/2019**

**Joseph Spiteri (KI 011963M) u martu Mary Jane Spiteri (KI 262762M)**

**vs**

**Ananija Dalli (KI 0270646M)**

**Illum, 08 ta' Jannar 2021**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

"1. Illi r-rikorrenti huma sidien tal-fond residenzjali 82, Triq Santa Marija Ghaxaq.

2. Illi l-inkwilin odjern tal-istess fond huwa l-intimat Ananija Dalli.

3. Illi l-istess Ananija Dalli ilu rikoverat f'Ward 3A Male, Mount Carmel Hospital sena ilu u prezentament qed jirrisjedi fid-dar tal-anzjani, St. Thomas Community Living Lelluxa, Triq il-Bahhara, Marsascala.

4. Illi ghalhekk huwa mhuwiex qed jaghmel uzu mill-fond residenzjali 82, Triq Santa Marija, Ghaxaq.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett lil dan l-Onorabbli Bord joghgbu jordna lill-intimat jirritorna il-pussess tal-fond de quo lir-rikorrenti ai termini tal-provvedimenti kontenuti fil-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta, u skond dawk il-provvedimenti u modalitajiet li dan l-Onorabbli Bord jidhirlu xieraq u opportuni.

Bl-ispejjes kontra l-intimat li huwa minn iss ngunt in subizzjoni."

Ra illi l-intimat gie debitament notifikat b'dawn il-proceduri skont kif jirrizulta a folio 4A tal-process.

Ra illi l-intimat naqas illi jidher quddiem il-Bord sabiex jikkontesta t-talba u naqas ukoll milli jipprezenta risposta ghat-talbiet tar-rikorrenti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' l-provi

Ra u qies id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

**It-Talbiet tar-Rikorrenti fl-qosor**

Illi f'din il-kawza r-rikorrenti qed jitolbu: (1) ordni li l-intimat jirritorna il-pussess tal-fond taht dawk il-provvedimenti li dan il-Bord jidhirlu xierqa. Bl-ispejjez kontra l-intimat.

Illi l-intimat minkejja li debitament notifikat, kif jirrizulta mir-riferta a folio 4A tal-process ma kkontestax tali talba, ma deherx quddiem il-Bord u ma ressaq l-ebda difiza ghat-talba tar-rikorrenti.

**Provi**

Xehed **Claudio Zammit**[1]**,** fil-kariga tieghu ta' Operations Manager fid-Dar ta' l-Anzjani St. Thomas Community Living, Marsascala. Huwa qal li l-intimat ilu resident hemmhekk mill-10 ta' Settembru 2019 u li l-intimat kien gie trasferit hemmhekk minn Mount Carmel Hospital. Jghid li ghadu resident fl-imsemmija Dar tal-Anzjani.

Xehed **Nicholas Farrugia**[2], fil-kariga tieghu ta' Charge Nurse Mount Carmel Hospital. Jghid illi huwa ilu jahdem fl-Isptar Monte Carmeli sa mis-sena elfejn u tnax (2012) u li l-intimat kien hemmhekk qablu u baqa' hemm sa Settembru tal-2019 meta mar jghix St. Thomas Home, Marsascala. Jghid li l-intimat kien resident permanenti fil-ward 3 qabel din giet maghluqa. Jghid li din il-ward hija kwazi residenzjali tant li kien hemm persuni li kellhom ukoll il-Karta tal-Identita' registrata fuq din il-ward. Jghid li l-intimat kien hemm bhala resident.

[1] A folio 13 tal-process.
[2] A folio 15 tal-process,

Xehed ir-rikorrent **Joseph Spiteri**[3], li spjega li kien xtara il-fond minn ghand Clara Borg u esebixxa l-kuntratt relattiv Dokument JS1[4]. Jghid li originarjament l-inkwilin kienet Liberata Domenici u li din kienet tghix wahedha fl-imsemmi fond, izda appena xtara l-fond fl-1984, din gabet lil bintha u r-ragel taghha jghixu maghha ad insaputa tas-sidien il-godda. Jghid li Liberata Domenici mietet fis-sena elfejn (2000) u pprezenta c-certifikat tal-mewt relattiv, Dokument JS3[5]. Fil-post baqghu jghixu bintha Madelaine Dalli u zewgha, l-intimat. Jispjega li pero' l-intimat kien ilu hafna Mount Carmel Hospital u minn dak iz-zmien baqa' l-Isptar Mount Carmel. Jispjega li Madelaine Dalli mietet fl-elfejn u tmintax (2018) u pprezenta c-certifikat relattiv, Dokument JS2[6].

**Ikkunsidra:**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-intimat huwa l-unika persuna li jista' ghandu jedd li jirrisjedi fl-imsemmi fond.

Illi pero' l-intimat naqas milli jikkontesta t-talba.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-intimat ilu snin u minn qabel l-elfejn u tnax (2012) residenti l-ewwel fl-Isptar Monte Carmeli fil-ward 3, li skond ix-xhud Nicholas Farrugia kellha skop residenzjali u minn hemm fl-elfejn u dsatax kien trasferit St. Thomas Home.

Illi skont ix-xhud Claudio Zammit, operations manager fis-St. Thomas Home, l-intimat ghadu resident hemmhekk.

[3] A folio 18 tal-process.
[4] A folio 21 tal-process.
[5] A folio 25 tal-process.
[6] A folio 24 tal-process.

Illi konsegwentament jirrizulta illi l-intimat ilu snin ma jirrisjedi fl-imsemmi fond.

Illi in oltre sabiex persuna tissuccedi kirja, skont il-ligi, din trid tkun tghix mal-inkwilin ghal mill-anqas l-ahhar erba' snin ta' hajjet l-inkwilin. Illi din il-kirja originarjament kienet issejjah lil Liberata Domenici, omm Madelaine Dalli u cioe' omm mart l-intimat, li mietet fis-sena 2000. Fil-mewt taghha, bintha Madelaine Dalli ssuccediet fil-kirja u baqghet tghix hemm sa ma mietet fl-elfejn u tmintax (2018). Illi mill-provi jirrizulta li fid-data tal-mewt taghha l-intimat ma kienx jghix maghha fl-imsemmi fond izda kien ilu snin u cioe' mis-sena elfejn u tnax (2012) resident Ward 3 fl-Isptar Monte Carmeli. Konsegwentament l-intimat ma setax jissuccedi din il-kirja stante li fid-data tal-mewt ta' martu kien ilu snin mhux residenti fl-imsemmi fond.

Illi stante li l-intimat ma kkontesta bl-ebda mod it-talba tar-rikorrenti, l-Bord ma hux se jezamina jekk tali assenza mill-imsemmi fond kinitx wahda permanenti u l-principji relattivi ghall-istess, stante illi jqis dan ma hux mehtieg fid-dawl tal-fatt li l-intimat ma kkontestax it-talba u fid-dawl tal-provi prodotti jirrizulta ampjament illi fid-data tal-mewt ta' martu l-intimat ma kienx jghix fl-imsemmi fond u kien ilu snin ma jghix l-imsemmi fond.

Illi mill-provi prodotti t-talba tar-rikorrenti tinsab pruvata u timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Bord qieghed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u (1) Jordna lill-intimat jirritorna l-pussess tal-imsemmi fond u cioe' li jgib in-numru tnejn u tmenin (82), gia numru hamsin (50) u numru wiehed u hamsin (51), Triq Santa Marija, Ghaxaq, lir-rikorrenti u (2) Ghal kull buon fini jordna lill-intimat, sabiex jizgombra mill-imsemmi fond u

ghall-fini ta' zgumbrament jiffissa terminu ta' zmien tletin jum mil-lum. U stante illi l-intimat jinstab residenti f'Dar ta' l-Anzjani u jista' jkollu finanzi limitati, il-Bord jordna li l-ispejjez ta' din il-procedura jkunu a karigu tar-rikorrenti.

**(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.**

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Reġistratur